MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2005

Numru. 826/2004

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEP H MERCIECA**
**VS**
**AARON CAUCHI**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Aaron Cauchi ta' 19 il-sena iben John u Sylva nee Felice, imwieled Pieta fd-29 ta' Gunju 1985 u li joqghod Dar il-Gnejna, Triq Raffael Caruana Dingli, Mosta detentur ta' karta tal-dentita numru 442785M talli fit-28 t'Awissu 2004, ghal habta tas-1pm fi Vjal il-Qalbiena Mostin, Mosta waqt li kien qed jsuq karozza Starlet, numru tar-registrazzjoni FAW 184 saq l-imsemmija vettura b'velocita eccessiva

Saq l-istess vettura b'manjiera traskurata u perikoluza

B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, u/jew b’nuqqas ta’ hila fis-sewqan, u/jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, kkaguna griehi ta; natura gravi ai termini tal-Art 218(1)(a) tal-kap 9, fuq il-persuna ta’ Dr Victoria Farrugia MD skond kif iccertifikat Dr Moira Grech MD mill-Isptar San Luqa

B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, u/jew b’nuqqas ta’ hila fis-sewqanm u/jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regokamenti tat-traffiku ghamel hsara jew hassar karozzi bin-numri tar-registrazzjoni BBB668, FAD598 u DAE326, ghad-dannu ta’ sidien diversi (Art 328 tal-9)

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ l-kaz;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputa tsabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-18 ta’ Frar 2005 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat il-verbal tal-18 ta’ Frar 2005 fejn il-Qorti wara li tat lill-imputat l-opportunita biex jirripensa ruhu mid-dikjarazzjoni li ghamel, l-imputat ghazel li jirrikonferma l-ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza.

Illi ghar-rigward ta’ piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi fosthom l-ammissjoni bikrija tal-imputat, l-ammissjoni ghal kull responsabbilita tal-incident li l-imputat ghamel fil-proceduri civili, l-eta tal-imputat u il-fatt illi huwa student universitarju, il-fedina penali nettissima tal-imputat (ara fol 3) u id-denamika shiha ta’ kif gara l-incident fejn jidher illi l-imputat, kif nhasad, tilef il-kontroll

tal-karozza u baqa sejjer fuq in-naha l-ohra tat-triq b'konsegwenzi gravissimi fuq il-persuna ta' il-kwerelanti Dr Victoria Farrugia.(ara xhieda tad-9 ta' Marzu 2005)

Infatti Victoria Farrugia sofriet minn multiple u compound fractures tal-pelvis u ta' saqajha leminija illi kienu jirrikjedu mill-inqas zewg operazzjonijiet.

Il-Qorti innotat wkoll illi Dr Victoria Farrugia kienet ghadha timxi bil-krozzi u ghadha tirrikjedi hafna kura kif gie ikkonfermat mill-Consultant Orthopaedic Surgeon Charles Grixti.

In vista ta' dana kollu il-Qorti wara li rat Sec 178 tal-Motor Vehicle Regulations, Art 15(1)(a) tal-kap 65, Art 225 u Art 226(1)(a), Art 328 tal-kap 9, Art 22 tal-kap 446 u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

In oltre tissospendi il-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghal perjodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------